**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 51/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Hubert Friggieri**

Seduta tal- 25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Hubert Friggieri , detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 151687M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-25 ta' Mejju, 2015 għall-ħabta ta' 19:15hrs waqt li kien fuq il-bejt tar-residenza tiegħu fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra B'kara, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel xi ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi

obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor billi fixkel lil George Montanaro mill-pussess ta' ħwejġu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-2 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imputat Hubert Friggieri ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' ħamsin (€50) Ewro.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Hubert Friggieri ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2016 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u **tħassar** is-sentenza tat-2 ta' Frar, 2016 u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u responsabilita' u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma li l-appellant kien ttanta jikkostruwixxi tinda fuq il-bejt tieghu stess bil-ghan li jsebbah l-ambjent ta' fuq il-bejt u fl-istess waqt ikollu ilqugh mix-xemx u xita. Ghal dan il-ghan kellu jwahhal xi njam mal-hajt tal-appogg u kellu jintroduci boltijiet fil-hajt li jiddividi l-proprjeta' tieghu minn dik tal-gar George Montanaro izda l-imputat kellu jieqaf milli jkompli dan ix-xoghol wara rapport lill-MEPA. Montanaro kien lmenta mill-fatt li l-imputat kien taqqab

il-*waterproofing membrane* bl-introduzzjoni ta' boltijiet u li dan kien kagun ta' ingress ta' ilma tax-xita fil-proprjeta' tal-gar. Madwar sena wara, l-imputat ottjena permess ta' zvilupp mill-MEPA u ghalhekk issokta bil-kostruzzjoni izda l-gar rega' wera l-oggezzjoni tieghu billi nehha din il-kostruzzjoni u fil-process kisser it-tinda tal-imputat;

2. Fl-ewwel gravam tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment issib htija fl-appellant ghaliex hu ma assuma ebda dritt u ma ppretenda ebda dritt ghaliex l-artikolu 413 tal-Kodici Civili jaghtih kull dritt li jintraprendi xogholijiet fil-hajt divizorju. L-imputat iddepona li meta precedentement kien ta bidu ghall-kostruzzjoni ta' din it-tinda l-gar kien argumenta mieghu illi ma kellux dritt jaghmel hekk la darba ma kienx hallas tal-appogg. Wara li ezamina l-kuntratt tal-akkwist tieghu u ghamel ricerka u verifiki mal-venditur minghand min akkwista d-dar, kien rassigurat illi l-appogg kien imhallas u minkejja dan xorta wahda kien lest li jerga' jhallas tieghu biex jevita l-inkwiet;

3. L-argument mressaq mill-appellant fl-ewwel aggravju tieghu jestendi fuq l-ipotezi li huwa kellu kull dritt li jappoggja mal-hajt li jiddividi l-proprjeta' tieghu minn dik tal-gar u dan skond id-dritt emergenti mill-artikoli 409 u 413 tal-Kodici Civili. Din il-Qorti, izda, m'ghandhiex ghalfejn tezamina dan l-aggravju minn din l-ottika;

4. Ezaminati l-atti processwali jidher illi l-ewwel Qorti ma ezaminatx l-fatti mill-ottika tal-gurisprudenza in rigward tal-artikolu 85 li jipotizza l-fatti hawn skrutinati. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768) u segwita kostantement mill-Qrati taghna, ir-reat in disamina

jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba' elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

5. Minn ezami tal-fatti in speci ma jirrizulta la l-element intenzjonali wisq anqas dak materjali kif ravvizati fl-ingredjenti appena elenkati. F'dan il-kaz, l-appellant kien qed jezercita dritt moghti lilu sia *ex lege* kif ukoll *ex contractu* f'mument meta l-kwerelant deherlu li sia l-ligi kif ukoll il-kuntratt tal-akkwist tal-imputat ma jtuhx id-dritt li jappogga mal-hajt tieghu. L-imputat la kien qed jippriva lill-kwerelant minn xi dritt u wisq anqas qed jagixxi f'qasam li hu rizervat ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Kien anzi l-kwerelant li, bl-azzjoni tieghu nniffsu li introduca ruhu fi hwejjeg l-imputat, nehha l-boltijiet inseriti fi hwejjeg l-istess imputat u kissirlu t-tinda li ghandha mill-elementi kollha tar-reat ta' *ragion fattasi ;*

6. Skond il-Carrara – *"L atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale" (*Prog Parte Speciale Vol 5 para 2850). L-imputat kellu kull dritt li jappoggja ma' dan il-hajt u f'kaz li l-appogg ma jkunx imhallas jiskatta dritt *ipso facto* tal-kwerelant li jitlob ghal-hlas tal-appogg;

7. Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Micallef – App Krim 30.7.2004 (232/2002): "**Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni in disamina huwa dak ta' delitt kontra l-

amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. L-Art 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun – ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika (1), Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Art 85, il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu <u>tempestivament</u> biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali. (1) Il-Pulizija vs Salvina sive Silvia Incorvaja – App Krim 25.7.1994" - Dak li ghamel l-imputat bl-ebda mod ma jirrientra fl-elementi tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha u konsegwentement din il-Qorti ser tghaddi biex thassar l-istess sentenza;

8. Illi ghalhekk mhux mehtieg li jkunu konsiderati l-aggravji l-ohra;

9. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet aggravji, tilqa' t-talba tal-appellant bazata fuq l-ewwel gravam u konsegwentement thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.